

32007R0337

30.3.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 90/1

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, EURATOM) Nru 337/2007

tas-27 ta' Mrazu 2007

## li jaġġusta mill-1 ta' Jannar 2007 l-iskala applikabbli għall-missjonijiet ta' l-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej fil-Bulgarija u r-Rumanija

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

(EUR)

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u l-kundizzjonijiet ta' l-impjeg ta' uffiċjali oħrajn <sup>(1)</sup>, stabbiliti mir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 ta' l-Anness VII tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

Minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-1 ta' Jannar 2007, l-allowance lill-uffiċjali u l-aġenti l-oħra ta' l-ispejjeż marbuta ma' missjonijiet f'dawn il-pajjiżi ser ikun, minn dik id-data 'l quddiem, suġġett għar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 13 ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

L-iskala ta' allowance għall-missjonijiet li jidhru fl-Artikolu 13(2)(a), ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal qiegħda tiġi sostitwita bit-tabella segwenti:

<sup>(1)</sup> ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1066/2006 (ĠU L 194, 14.7.2006, p. 1).

Destinazzjoni	Limitu fuq l-ispejjeż ta' l-akkomodazzjoni	Ammont għall-ispejjeż ta' kuljum
Il-Belġju	140	92
Il-Bulgarija	169	58
Ir-Repubblika Ċeka	155	75
Id-Danimarka	150	120
Il-Ġermanja	115	93
L-Estonja	110	71
Il-Greċja	140	82
Spanja	125	87
Franza	150	95
L-Irlanda	150	104
L-Italja	135	95
Ċipru	145	93
Il-Latvja	145	66
Il-Litwanja	115	68
Il-Lussemburgu	145	92
L-Ungerija	150	72
Malta	115	90
L-Olanda	170	93
L-Awstrija	130	95
Il-Polonja	145	72
Il-Portugall	120	84
Ir-Rumanija	170	52
Is-Slovenja	110	70
Is-Slovakkja	125	80
Il-Finlandja	140	104
L-Iżvezja	160	97
Ir-Renju Unit	175	101

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Mrazu 2007.

*Mill-Kunsill*  
*Il-President*  
P. STEINBRÜCK

---